**8 ta' Ġunju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Carmelo *sive* Charles Galea

*versus*

Emanuel Bugeja u Dottor Raymond Fenech

**Kuntratt – Nullità ta' Kuntratt – Simulazzjoni bħala Kawża ta' Nullità – Rexissjoni**

*Il-qorti laqgħet talba ta' l-attur għal dikjarazzjoni u deċiżjoni li kuntratt impunjat kien null u bla effett in kwantu simulat.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-attur, wara illi ippremetta illi fil-15 ta' Marzu, 1988, l-attur ippreżenta ċitazzjoni kontra l-konvenut Bugeja fl-ismijiet "Carmelo *sive* Charles Galea *versus* Emanuel Bugeja" (Ċitaz. Nru. 259/88 AM) (Dok. A) pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkaġonati mill-konvenut meta dana laqat lill-attur b'tir ta' arma tan-nar fit-3 ta' Novembru, 1987;

Illi fil-mori tal-kawża u preċiżament bejn it-13 u l-20 ta' Lulju, 1988, f'temp ta' ġimgħa, l-konvenut Bugeja ddispona mill-proprjetà mmobiljari kollha tiegħu, inkluża r-residenza tiegħu St. Joseph, Triq is-Sienja, Qormi, li fiha iżda huwa baqa' joqgħod;

Illi kif jirriżulta mill-anness kuntratt tat-13 ta' Lulju, 1988 in atti Nutar George Cassar (Dok. A), il-konvenut Bugeja ttrasferixxa lil neputih, il-konvenut l-ieħor, Dr. Raymond Fenech M.D., b'titolu ta' *datio in solutum*, b'valur ta' Lm6000, ir-residenza tiegħu St. Joseph, Triq is-Sienja, Qormi, biex b'hekk il-konvenut irrenda ruħu insolventi għax ma għandux proprjetà immobiljari u lanqas proprjetà oħra li tista' tissodisfa l-kreditu pretiż mill-attur għall-ħlas ta' danni;

Illi l-kuntratt fuq imsemmi huwa kuntratt simulat b'mod assolut, u anki jekk hu simulat b'mod relattiv, u allura l-kuntratt

*hu di fatti kuntratt ta' donazzjoni, it-trasferiment sar bl-intenzjoni* li jiġi defrawdat l-attur mid-drittijiet tiegħu *ai termini* ta' l-artikolu 1144(3) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi anki jekk il-kuntratt ma hux simulat la assolutament u lanqas relattivament, iżda hu dak li jidher li hu, xorta waħda ż-żewġ kuntraenti, ċjoè ż-żewġ konvenuti kellhom l-intenzjoni li jiddefrawdaw lill-attur mid-drittijiet tiegħu *ai termini* ta' l-artikolu 1144(2) tal-Kodiċi Ċivili;

talab għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:

1. tiddikjara u tiddeċidi illi l-kuntratt ta' trasferiment ta' *datio in solutum* mill-konvenut Emmanuel Bugeja favur neputih il-konvenut l-ieħor Dr. Raymond Fenech M.D. tal-proprjetà Saint Joseph, Triq is-Sienja, Qormi li saret fit-13 ta' Lulju, 1988 in atti Nutar George Cassar hu simulat b'mod assolut u għalhekk *null u bla ebda effett;*

2. alternattivament tiddikjara li dan l-att huwa simulat relattivament u għalhekk in effetti hu kuntratt ta' donazzjoni mill-konvenut Bugeja lill-konvenut Fenech li sar in frode tad-drittijiet ta' l-attur da parti tal-konvenut Bugeja u għalhekk null u bla effett *ai termini* ta' l-artikolu 1144(3) tal-Kodiċi Ċivili;

3. alternattivament ukoll f'każ li l-ewwel żewġ talbiet jiġu miċħuda, tiddikjara u tiddeċidi illi l-att in kwistjoni, anki jekk sar b'titolu oneruż sar bi frode tad-drittijiet ta' l-attur da parti taż-żewġ konvenuti, u għalhekk null u bla effett *ai termini* ta' l-artikolu 1144(2) tal-Kodiċi Ċivili;

4. tordna *per consequenza* ta' l-akkoljiment ta' kwalunkwe

waħda mill-ewwel tliet talbiet, it-tħassir, rexissjoni u annullament tal-kuntratt tat-13 ta' Lulju, 1988 in atti Nutar George Cassar fuq imsemmi li għandhom joperaw in forza tas-sentenza li dil-Qorti jogħġobha tagħti;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emmanuel Bugeja illi biha eċċepixxa:

1. illi l-kuntratt impunjat la hu simulat b'mod assolut jew relattivament u anqas sar bi fordi tad-drittijiet ta' l-attur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Emmanuel Bugeja;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Raymond Fenech illi biha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi mhux minnu li l-kuntratt datat 13 ta' Lulju 1988 in atti Nutar George Cassar li sar bejn il-konvenuti huwa kuntratt simulat b'mod assolut jew simulat relattivament jew li sar b'intenzjoni li jiddefrawda d-drittijiet ta' l-attur;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Dottor Raymond Fenech;

*Omissis;*

Illi fil-paragrafi enumerati minn tmienja (8) sa wieħed u tletin (31) tar-relazzjoni tiegħu l-għaref Perit Legali għamel sunt pjuttost dettaljat tal-provi prodotti mill-kontendenti. Il-Qorti, a skans ta' repitezzjoni tagħmel riferenza għal dan is-sunt u tgħid biss illi fih hawn miġbura l-provi kollha rilevanti għall-kawża odjerna;

Illi fil-paragrafu enumerat erbgħa u erbgħin (44) ta' l-imsemmija relazzjoni tal-Perit Legali jingħad hekk (fol. 74):

"L-esponent josserva li l-attur u martu huma preċiżi fix-xhieda tagħhom u huma nies għal kollox fededegni – għall-kuntrarju tal-mod xejn konvinċenti, kultant studjatament evasiv li fih xehdu l-konvenuti";

Il-Qorti, wara illi eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti tikkondividi din il-fehma tal-Perit Legali;

Il-Qorti taqbel ukoll ma' l-analiżi tal-provi illi għamel l-għaref Perit Legali fil-paragrafi enumerati minn ħamsa u erbgħin (45) sa erbgħa u ħamsin (54) tar-relazzjoni tiegħu u hawn qed tirriproduċi l-paragrafu 54 illi fih jingħad:

"L-esponent ma jħoss li għandu jaċċetta li kienet **sempliċi kumbinazzjoni** li:

*(a)* il-bejgħ *(jew aħjar trasferiment* b'*titolu ta' datio in solutum")* sar miz-ziju (il-konvenut Bugeja) lin-neputi (il-konvenut Dr. Fenech);

(b) sar biex, in parti (50%) jissodisfa dejn fuq self ta' Lm800 u Lm2200 li sar *'brevi mani'* bla ma Dr. Fenech żamm nota u bla ma Dr. Fenech qal lil ħadd;

(ċ) sar bejgħ ta' proprjetà li Bugeja kien ilu fi ħsiebu jbiegħ **snin twal** però bla ma ġab anqas ombra ta' prova biex juri kif ipporva jbiegħha;

(d) sar bejgħ tal-fond fejn joqgħod u fl-istess ħin jibqa' fil-post b'kirja (li ma tistax titbiddel) ta' Lm200 per annum u

(e) l-bejgħ sar b'att miktub *'there and then'* min-Nutar u bla talba għal riċerki da parti ta' l-akkwirent Dr. Fenech;

(f) mentri s-suppost self sar f'Jannar 1987 (Lm800) u wara (Lm2200) l-att Dok. B ġie ppubblikat fit-tlettax (13) ta' Lulju, 1988 mentri ċ-ċitazzjoni għad-danni mill-attur kontra Bugeja ġiet intavolata fil-ħmistax (15) Ta' Marzu, 1988 u nnotfikata lil Bugeja xi żmien wara'';

Wara dan l-għaref Perit Legali, fil-paragrafu enumerat ħamsa u ħamsin (55) tar-relazzjoni tiegħu, ikkonkluda korrettement hekk (fol. 81):

''Minn din l-analiżi tal-fatti, ċirkostanzi u xhieda l-esponent jasal biex jikkonkludi li **Bugeja ma kien issellef xejn mingħand Dr. Fenech, u kollox kien fittizju**, biex **Bugeja bil-koperazzjoni ta' neputih Dr. Fenech** – dan Bugeja jaħlef mill-obbligazzjonijiet eventwali tiegħu versu l-attur, *si et quatenus*, għal danni ''sottolinejar tal-Qorti'';

Il-Qorti tagħmel ukoll riferenza għall-paragrafi enumerati

57 u 58 tar-relazzjoni tal-Perit Legali fejn joħorġu d-diskrepanzi bejn il-kuntratt impunjat u l-iskrittura Dokument RF (fol. 114);

Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-Qorti taqbel ma' l-għaref Perit Legali illi l-ewwel (1) talba attriċi għandha tiġi milqugħa għax id-dokument B esibit ma' l-att ta' ċitazzjoni'' ... huwa simulat mill-bidu sa' l-aħħar'', u ma ssib xejn fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Bugeja biex jipperswadiha illi tvarja din il-fehma tagħha;

Infatti l-konvenut Bugeja jibda n-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu billi jgħid hekk:

''Illi kardinali għad-determinazzjoni ta' din il-kawża huwa l-konvinċiment tal-ġudikant illi l-esponent kien verament debitur tal-konvenut Dottor Raymond Fenech fis-somma ta' Lm3000. Jekk dan il-fatt ma jiġix aċċettat bħala veru, ir-relazzjoni tal-Perit Legali hi ġustifikata'';

Il-Qorti, bħall-Perit Legali għandha l-konvinċiment sħiħ illi l-konvenut Bugeja ma kienx debitur b'ebda mod tal-konvenut Dr. Fenech;

Ikkunsidrat la darba sejra tiġi milqugħa l-ewwel (1) talba attriċi għandha tiġi milqugħa wkoll it-talba 64) talba attriċi u ma hemmx lok għal provvediment dwar it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet attriċi;

Il-Qorti sejra tipprovdi dwar l-ispejjeż tal-kawża, għalkemm ma saritx talba *''ad hoc''* dwarhom fl-att ta' ċitazzjoni, u dana *ai termini* ta' l-artikolu 177, Kap. 12;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel (1) u r-raba' (4) talbiet ta' l-attur u tiddikjara illi in vista ta' l-akkoljiment ta' l-ewwel (1) talba attriċi ma hemmx lok għal provvediment dwar it-tieni (2) u dwar it-tielet (3) talbiet ta' l-attur;

Tordna illi l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati kwantu għal nofs (½) mill-konvenut Emmanuel Bugeja u kwantu għal (½) mill-konvenut Dottor Raymond Fenech.